MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru 772/2009

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
VS
ROBERTO PIRRONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roberto Pirrone ta' 29 sena , iben Virgilio u Anna nee' Busuttil, imwieled Attard nhar il-15 ta' Jannar, 1980, residenti 'Giovanna', Triq Sant' Antnin, M'Skala u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 92780(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-18 ta' Frar 2009 u fis-snin ta' qabel din id-data, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' laqa' ghandu *mobile phone* ta' l-ghamla Nokia N91, liema

*mobile phone* kien go vettura ta’ l-ghamla Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni FBH-901, liema vettura nsterqet minn B’Kara nhar l-14 ta’ Ottubru 2006 u dan sar ghad-detriment ta’ Robert Micallef u/jew persuni ohra.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Laurence Quintano LL.D. datata 6 ta’ Frar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Roberto Pirrone, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sena taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat, l-eta’ giovanili tieghu u l-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------